**KUNSILL LOKALI San Pawl il-Baħar**

**San Pawl il-Baħar Local Council**

*Triq San Pawl, San Pawl il-Baħar, SPB 3418 – Malta.*
*Tel: 21585888, 21585801, 21570869/70*
*Mobile: 99433058/9 Fax: 21583058*
*E-Mail: sanpawlil-bahar.lc@gov.mt*
*Web Site: www.stpaulsbay-online.com*

**Minuti tal-Kontinwazjoni tat-Tmienja u Tletin (38) Laqgħa tas-Sitt (6) Kunsill Lokali San Pawl il-Baħar li saret , Il-Ħamis 14 ta' April, 2011 fl-Uffiċċju Amministrattiv ta' l-istess Kunsill Lokali fil-5.30 ta' filgħaxija.**

Il-Laqgħa bdiet fis-5.32 ta' filgħaxija.

Il-Kunsilliera kienu preżenti kif jidher hawn taħt.

| | Ħin Dħul | Ħin Ħruġ |
|---|---|---|
| Sindku Perit Graziella Galea | 5.30 p.m. | 8.30 p.m. |
| Viċi Sindku John Bray | 5.30 p.m. | 8.30 p.m. |
| Kunsillier Alfred Grima | 5.30 p.m. | 8.30 p.m. |
| Kunsillier Ray Tabone | 5.30 p.m. | 8.30 p.m. |
| Kunsillier Alexander Bezzina | 5.30 p.m. | 8.30 p.m. |
| Kunsillier Jason Camilleri | 5.30 p.m. | 8.15 p.m. |
| Kunsillier Frank Gauci | 5.45 p.m. | 8.30 p.m. |
| Kunsillier Peter Abela | 5.30 p.m. | 8.30 p.m. |
| Kunsillier Martin Zerafa | Assenti | |
| Kunsillier Ray Bartolo | 5.30 p.m. | 8.30 p.m. |
| Kunsillier Mario Camilleri | 5.33 p.m. | 8.10 p.m. |

Is-Sindku mexxiet il-Laqgħa tal-Kunsill.

Is-Segretarju Eżekuttiv, is-Sur John J. Camilleri kien preżenti għall-laqgħa.

**1.00 Korrispondenza u Kommunikazzjonijiet**

Is-Sindku, il-Perit Graziella Galea, qalet li kienu daħlu 8 *items* ta' Korrispondenza u Kommunikazzjonijiet oħra mil-gimgħa l-oħra l'hawn (meta sar dan l-item tal-Agenda fl-ewwel parti ta' din il-Laqgħa Nru. 38) u għalhekk talbet il-permess biex dawn jinqraw ukoll f'din il-kontinwazjoni ta' l-istess Laqgħa. Ġie approvat unanimament li dan isir.

1.01 MTA ippreżentat talba mingħand Diving Schools sabiex isiru żewġ reserved parking bays biex jintużaw minnhom. Saret votazjoni: 9 membri ivvotaw favur waqt li membru wieħed (RT) astjena. Ġie approvat li dawn jistgħu isiru bil-kundizzjoni li dawn ikunu *Loading u Unloading Bays* u mhux *Reserved Parking Bays*.

1.02 Ittieħdet votazjoni dwar jekk għandux jinħareġ permess ta' No Objection biex issir diskussjoni favur id-divorju fil-Pjazza ta' Bugibba. Din it-talba saret mis-Sur Neville Gafa. Ġie deċiż li tinħareġ No Objection b'7 voti favur, 2 kontra (RB u MC) filwaqt li s-Sur Frank Gauci kien barra il-kamra waqt il-votazjoni.

1.03 Ma ġietx aċċettata talba mis-Sur Manuel Portelli sabiex il-Kunsill jippartecipa (bi ħlas) f'attivita ta' kompetizjoni ta' kant (karoki) f'Buġibba matul is-sajf. Il-Kunsill qabel li din tista' ssir basta l-Kunsill ma joħrogx spejjeż.

1.04 Ma kienx hemm oġġezzjoni għal talba ta' tqegħid ta' mwejjed u siġġijiet barra min Bay Square Cafe' sakemm dan iġib il-permessi meħtieġa mill-awtoritajiet kompetenti.

1.05 Trigger Point ta' Triq it-Turisti talbu li jiġu riservati 2 parking spaces biex jitpoġġew siġġijiet u mwejjed. Sar qbil li tinħareġ *No Objection* għal darba waħda biss fid-29 ta' Mejju filwaqt li dwar talba oħra għal *Reserved Parking* ġie deċiż li l-applikant għandu l-ewwel japlika lill-awtoritajiet kompetenti.

1.06 Ġie deċiż li jerġgħu jitpoġġew 2 bollards, li kienu nsterqu, fid-dħul tal-Pjazza ta' Bugibba.

1.07 Dwar korrispondenza ta' ilment dwar ipparkjar ta' inġenji u *generators* għal bejħ minn Bonnici Brothers Limited f'Burmarrad ġie deċiż li din tgħaddi għand il-Kumitat Amministrattiv Burmarrad għad-deċiżjoni.

1.08 Talba mis-Sinjura Marisa Marmara għal ħlas ta' Euro 4,000 bħala meżata ta' darba biex il-Kunsill Lokali ta' San Pawl il-Baħar jibqa' membru fil-Kumitat GAP ġiet approvata fid-dawl ta' benefiċju li l-Kunsill jista' jakwista minn diversi applikazjonijiet għal miżuri ta' fondi minn programmi tal-Ewropa fosthom *Measure 125* u oħrajn.

**2.00 Skedi ta Dħul, Pagamenti u Ordnijiet ta' Xogħol.**

2.01 **Rendikont ta' Dħul ta' Fondi:**
Ġiet approvata lista ta' dħul ta' fondi kif ippreżentata.

2.02 **Rendikont ta' Pagamenti:**
Ġiet approvata lista ta' pagamenti b'total ta' Euro189,585-35 kif ippreżentata. Ġie approvat li wara li kien approvat li jsiru l-pagamenti dovuti lil Jonstore, dan l-istabiliment ma jibqax *blacklisted* u li jista' jerġa jsir xiri mingħandhom b'mod regolari.

2.03 **Lista ta' Ordnijiet ta' Xogħol:**
Ġiet approvata lista ta' ordnijiet ta' xogħol kif ippreżentata.

**3.00 Proġett – Thalassalejn Boċċi Club.**

F'dan il-ħin il-Kunsillier Mario Camilleri ħareġ mill-kamra tal-Laqgħa.

3.01 Ġew diskussi l-kontro-proposti li l-Kunsill irċieva mingħand il-kumitat tat-Thalassalejn Boċċi Club dwar il-ftehim propost bejn il-Kunsill u l-Club għal-proġett ta' Indoor Pitch u Playing Field. Ġew diskussi l-punti kollha u ġie identifikat fejn kien hemm qbil u fejn il-Kunsill kien qed joġġezjona għall-emendi proposti. Is-Segretarju Eżekuttiv ġie awtorizzat jikteb lill-Kumitat tal-Club u jindika l-punti ta' diverġenza fosthom l-ammont ta' flus li l-Kunsill għandu jikkontribwixxi għal tindif u żamma ta' latrina publika mil-Club u ġie deċiż ukoll li jsiru aktar diskussjonijiet bejn il-Kumitat u l-Kunsill bil-parteċipazzjoni tas-Sindku u l-Kunsillier Raymond Tabone sabiex jintlaħaq ftehim aħħari.

**4.00 Pubblikazjoni ta' Magażin tal-Kunsill – Rendikont ta' Ġbir ta' Reklami.**

4.01 Is-Segretarju Eżekuttiv ippreżenta rendikont ta' ġbir ta' reklami għall-ewwel ħarġa tal-fuljett tal-Kunsill. Dawn ir-reklami inġabru mil-impjegati tal-Kunsill. Ġie approvat li jitħallsu l-ispejjeż relatati ma' din il-publikazzjoni. Intwera apprezzament għall-ħidma tal-impjegati kollha f'dan ir-rigward kif ukoll għall-kontribuzjoni tal-koordinatur is-Sur Ivan Bartolo. Is-Sindku ħeġġet lill-Kunsilliera biex jikkontribwixxu artikli biex jiġu ppublikati fil-ħarġa li jmiss ta' dan il-fuljett.

**5.00 Iffilmjar minn Latina Pictures Limited f'Bugibba.**

5.01 Ġiet approvata talba mir-rappreżentant ta' Latina Pictures biex isir iffilmjar f'Bugibba bil-kundizzjonijiet: tingħata garanzija adekwata għal xi ħsarat jew danni li jista' jsofri l-Kunsill, jekk ikun meħtieg jigi provdut *shuttle service* minħabba nuqqas ta' parkeġġ li jiġi kkreat b'dan l-iffilmjar, tiġi accettata kontribuzzjoni finanzjarja lill-Kunsill, ikun hemm security persons maltin waqt l-iffilmjar, u jiġi pprovdut post alternattiv bħala parkeġġ f'xi għalqa privata a spejjeż ta' Latina Pictures. Il-Kunsillier Ray Bartolo xtaq jirregistra l-oġġezjoni tiegħu għal din it-talba u għal dawn l-arranġamenti mitluba.

**6.00 Comune Di Pozzallo Provincia di Ragusa – Perteċipazzjoni f'Le Notti Blu.**

6.01 Il-Kunsill qabel li jipparteċipa f'din l'attivita annwali f'Pozzallo fi Sqallija u qabel li jħallas l-ispejjeż involuti għal dawk il-Kunsilliera li jattendu, is-Segretarju Eżekuttiv, artisti (sa ħamsa), u membri tal-istaff (sa żewġ membri), filwaqt li r-residenti ta' San Pawl il-Baħar iħallsu huma biex jipparteċipaw u jattendu f'din iż-żjara f'Pozzallo. Is-Sindku qed tikkomunika mal-Kunsill ta' Pozzallo sabiex isiru l-arranġamenti meħtieġa għal din iż-żjara.

**7.00 Xiri ta' *Printers*.**

7.01 Is-Segretarju Eżekuttiv ġie awtorizzat jixtri 2 printers ġodda għall-użu tal-ufficini skont il-bżonn.

## 8.00 Aġġudikazzjoni ta' Sejħiet għall-Offerti.

8.01 Il-Kunsill laqa' r-rakkomandazjonijiet tas-sotto-kumitat għall-għoti ta' kuntratti kif ġej:

(a) SPBLC 01/2011 – Rinovar tal-Latrina Pubblika tax-Xemxija jingħata lill-orħos bidder li huwa E.C. Services wara li jiġi nnegozjat materjal aħjar għall-partitions interni.
(b) SPBLC 02/2011 – Provista ta' transport minn u lejn iċ-Ċentru ta' Matul il-Jum f'SPB ma għandux jingħata qabel jinġab parir mid- Dipartiment tal-Kunsilli dwar jekk jistax jintalab li tiġi emendata bid-bond ta' wieħed mill-bidders.
(c) SPBLC 03/2011 – Provista u tbattil ta' Open Skips jingħata lill-orħos bidder li huwa Dimbros Limited.
(d) SPBLC 04/2011 – Provista u manutenzjoni ta' Mobile Toilets jingħata lill-bidder l-aktar vantaġġjuż li huwa Joe Bonnici and Sons.

## 9.00 Rapport miċ-Ċerpersin tal-Kumitat Amministrattiv Burmarrad.

9.01 Il-Kunsillier u ċ-Ċerpersin tal-Kumitat Amministrattiv Burmarrad is-Sur Ray Bartolo qal li l-Kumitat kien qed jaħdem u jieħu dawn l-inizjattivi:

(a) Il-Kumitat kien ser japplika għal-Measure 125 biex jakkwista fondi għat-tiswija ta' toroq fir-raba.
(b) Kienet ser issir kompetizjoni fost ir-residenti ta' Burmarrad u Wardija għal għażla ta' Logo tal-Kumitat.
(c) L-APS Bank kien lest jisponsorja Welcome Boards u jipparteċipa f'attivitajiet li jiġu varati mill-Kumitat.
(d) Il-Ħruġ ta' Tenders għal-diversi xogħolijiet f'Burmarrad u l-Wardija jibqaw jkunu parti minn tenders li joħroġ il Kunsill Lokali SPB.
(e) Saret applikazjoni lil TM biex issir bankina bejn Scotts Super Market u Burmarrad Commercials biex jitneħħa l-periklu ta' min jimxi f'din il-parti tat-triq prinċipali f'Burmarrad.
(f) Ser issir traffic calmer (road-hump) fi Triq Manuel Bonnici.
(g) Saret Laqgħa ta' introduzzjoni bejn il-Membri tal-Kumitat u d-Direttur tad-Dipartiment tal-Kunsilli s-Sur Abela.
(h) Kien inbeda x-xogħol fi-Triq Papa Ġwanni Pawlu u xogħolijiet oħra bħala parti min skema ta' fondi mid-Dipartiment tal-Kunsilli.
(i) Kienet ser issir applikazjoni lil TM għal one-ways u traffic management ieħor fi triq li tieħu għal-Wardija.

Il Kunsill approva dawn l-inizjattivi tal-Kumitat Amministrattiv Burmarrad.

## 10.00 Aġġornamenti.

10.01 Is-Sindku, il-Perit Graziella Galea qalet li kien jista' jintalab li jsiru dwal fit-toroq taħt l-iskema tal-UIF tal-MEPA.

Is-Sindku informat li MTA kienu talbu permess biex isir concert fil-pjazza fit 13 ta' Lulju, 2011. Din it-talba ġiet milqugħa mill-Kunsill.

Is-Sindku talbet u ġie approvat li jinxtraw xi items żgħar għal Sports Day li ser issir fiċ-Centru ta' Matul il-Jum.

10.02 Il-Viċi-Sindku John Bray talab li jintbagħtu wardens u jinvestigaw jekk kienx hemm permessi ta' *hoarding* fi Triq Damasku kantuniera ma' Triq il-Ħġejjeġ u fi Triq Manuel Bonnici. Hawn il-Kunsillier Ray Bartolo semma li għandu jiġi ċċekjat ukoll *hoarding* ieħor fi Triq Manuel Bonnici.

10.03 Il-Kunsillier Raymond Tabone talab li tinkiteb ittra lil TM dwar l-iskema proposta ta' organizazzjoni ta' bagi fil-bajja tax-Xemxija fuq in-naħa tal-Beach Haven. Huwa talab ukoll għal-bankina fi Triq il-Boxla, u jekk jistax jingħata permess għal-parkeġġ ta' vetturi fuq il-Bankina fil-Bypass f'tal-Fjuri. Is-Sindku irrispondiet li hi kienet diga ghamlet din it-talba u li ghalhekk irridu niċċekjaw ma' TM dwar dan.

10.04 Il-Kunsillier Frank Gauci qal li kienu ser jiġu organizzati is-7 visti ta' żmien il-Ġimgħa l-Kbira, u li ghandhom jintbagħtu avviżi lir-residenti.
Huwa talab li ssir bye-law għal kontroll ta' parkeġġ ta' karrijiet u li d-dwal tal-Bus-Stop ħdejn il-Bella Vista jsiru ħomor.

10.05 l-Kunsillier Peter Abela talab li jerġgħu isiru slielem b'xi forma ta' *safety guards* fiż-żona tal-*boat-houses* fil-Fekruna. Ġie deċiż li dawn isiru biss jekk ikunu iċċertifikati mill-Health and Safety u jekk jaċċetta sid il-*boathouse* ta' fejn jitwaħħlu.

Il Kunsillier Abela semma ukoll jekk hux possibli li jingħata permess lil sid il-Hanut tal-għodda fi Triq il-Parroċċa biex dan jipparkja l-van tiegħu fejn it-triq tghaqqad ma' Triq Parades biex ikun jista jgħabbi l-għodda biex imur fuq il-Monti nhar ta' Hadd. Ġie deċiż li dan jingħata permess għal ftit ħin biss filgħodu kmieni biex ikun jista jgħabbi .

**11.00 Egħluq tal-Laqgħa.**

Il-Laqgħa spiċċat fit-8.30p.m.

Sindku: Perit Graziella Galea.

Segretarju Ezekuttiv: John J. Camilleri.